# Bord Li Jirregola l-Kera
## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Rikors Nru: 421/21 LC**

**Fl-atti tar-Revoka tal-Mandat ta'  Sekwestru Nru 1119/2021 fl-ismijiet:**

**Portem Tourism Ventures Ltd (C68829)**

**Vs**

**Edward sive Teddy Calleja (KI 432870M) u Avukat Dottor Leontine Calleja (KI 272169M)**

Illum, 16 ta' Settembru 2021

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Edward sive Teddy Calleja u l-Avukat Dottor Leontine Calleja datat it-30 ta' Lulju 2021 fejn talbu lil dan il-Bord sabiex:-

1. Jisma' u jiddeċiedi dan ir-rikors b'urġenza a tenur tal-Artikolu 836(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Prevja kwalsiasi dikkjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja, għar-raġunijiet kollha fuq esposti, jordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 1119/2021 a tenur tal-provvediment tal-paragrafu (ċ), (d) u/jew (f) tal-Artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Alternattivament jekk it-tieni talba ma tiġix milqugħa tnaqqas il-valur tal-mandat ta' sekwestru f'ammont raġjonevoli u ma japplikax dan l-ammont sħiħ fuq kull esponenti imma jiddividi l-ammont fuq iż-żewġ esponenti;

4. Jimponi penali fuq l-attur eżekutanti ai termini tal-Artikolu 835(8) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Jikkundanna r-rikorrenti, sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi iffissat min din l-Onorabbli Qorti, jipprovdu garanzija adegwata għal-ħlas ta' penali danni u imgħax, u fin-nuqqas li jagħmlu dan, tneħħi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju Nru 1119/2021 u dana kollu, ai termini tal-provvedimenti tal-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ra d-Digriet tiegħu tad-9 ta' Awwissu 2021 fejn il-Bord ordna n-notifika tar-rikors lis-soċjetà sekwestranta u appunta s-smiegħ tiegħu għall-1 ta' Settembru 2021;

Ra r-rikors tas-sekwestrati datat is-26 ta' Awwissu 2021 fejn talbu lil dan il-Bord jogħġbu, "*prevja jekk ikun il-każ li jisma' lill-uffiċjali tal-Qorti, jiddikjara li s-soċjetà sekwestranta kienet notifikata bir-Rikors Revoka tal-esponenti nhar il-Ġimgħa 20 ta' Awwissu fis-1.30pm*" u dan peress li f'dak il-ħin indikat sar rifjut da parti tar-rappreżentant tas-soċjetà sekwestranta li jirċievi n-notifika tar-rikors odjern;

Ra d-Digriet tiegħu tat-2 ta' Settembru 2021 fejn, wara li ra l-Artikolu 187(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u sema' x-xhieda tal-Marixxalli tal-Qorti, iddikjara li s-soċjetà sekwestranta ġiet notifikata bil-preżenti rikors nhar l-20 ta' Awwissu 2021 fis-1.30pm u dan għar-raġunijiet hemm indikati;

Ra li s-smiegħ tal-preżenti rikors kien imħolli għas-16 ta' Settembru 2021, f'liema seduta l-partijiet ma ressqu ebda xhud u l-ebda dokument ulterjuri;

Ra d-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan ir-rikors;

Ra l-atti tar-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 1119/2021 fl-ismijiet Portem Tourism Ventures Ltd kontra Edward sive Teddy Calleja u l-Avukat Dottor Leontine Calleja;

Sema' t-trattazzjoni magħmulha mill-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li r-rikors ġie mħolli għal Digriet *in camera*;

Ikkonsidra;

Illi r-retroxena tal-preżenti rikors hija s-segwenti:-

a. Is-sekwestrati ppreżentaw rikors fejn qed jitolbu lil dan il-Bord jirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju Nru 1119/2021 ppreżentat kontrihom mis-soċjetà sekwestranta Portem Tourism Ventures Ltd, liema mandat

ta’ sekwestru sar għall-ammont ta’ tlett miljuni, disgħa u ħamsin elf, mitejn u disa’ Ewro (€3,059,209) u jolqot lis-sekwestrati individwalment;

b. Mill-atti proċesswali jirriżulta li s-sekwestrati ikkonċedew lis-soċjetà sekwestrata l-fondi bin-numru 54, 55, 56 u 57 fi Triq it-Teatru l-Antik, Valletta, b’titolu ta’ kera għall-perjodi kif stabbiliti fid-diversi kuntratti eżebiti mal-preżenti rikors;

c. Jirriżulta li, għal raġunijiet li mhux ser jidħol fihom il-Bord fil-preżenti rikors, is-soċjetà sekwestranta ma onoratx xi pagamenti dovuti lis-sekwestrati u s-sekwestrati, da parti tagħhom, ressqu proċeduri quddiem dan il-Bord b’rabta ma dawn il-fondi li ma tħallsux;

d. Illi da parti tagħha, s-soċjetà sekwestranta ressqet proċeduri kontra s-sekwestrati quddiem dan il-Bord fejn qed titlob, *inter alia*, il-likwidazzjoni u l-kundanna għall-ħlas ta danni *allegatament* sofferti minnha wara li ġiet sospiża l-provvista tal-elettriku u l-ilma lill-fondi sopra msemmija. Il-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju preżenti huwa propju marbut din l-imsemmija azzjoni mressqa mis-soċjetà sekwestrata;

e. Min-naħa tagħhom, is-sekwestrati qed jittantaw ir-revoka tal-mandat preżenti a bażi tas-subinċiżi (ċ),(d) u (f) tal-artikolu 836(1) Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. Qegħdin ukoll jitolbu l-applikazzjoni tal-artikoli 836(8) u 838A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta fil-konfront tas-soċjetà sekwestranta.

Ikkonsidra;

Illi, kif ġie ripetutament mtenni minn dawn il-Qrati, l-istħarriġ li għandu jagħmel dan il-Bord f’dan l-istadju huwa wieħed superfiċjali u jkun xi jkun l-eżitu ta’ dawn il-proċeduri, dan bl-ebda mod m’għandu jiġi interpretat bħala xi espressjoni dwar il-mertu u l-fatti tal-vertenza bejn il-partijiet. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma’ eżami x’aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Bord qiegħed jintalab jistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b’mod abbużiv[1].

[1] Ara f’dan is-sens **Gaetano Abdilla et vs Charles Bianco**, Qorti Ċivili, Prim’ Awla, 20 ta’ Jannar 2016 (Rikors Revoka Nru 744/2015).

Fir-rigward ta' dawn il-proċeduri, il-Bord jagħmel referenza għal dak li ntqal mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **J.V. & S. Developments Limited vs Scala Developments Limited**[2] fejn ġie ritenut:

> *"Illi fir-rigward tal-proċeduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara illi hija b'ebda mod ma għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna l-proċedura maħsuba fl-Artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' prima facie. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża "**Camilleri vs Gove et**" deċiża fl-10 ta' Mejju 2001 b'dan il-kliem: "mid-dispożizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja." (ara wkoll is-sentenza fil-kawża "**Emanuel Sammut vs Josephine Sammut**" deċiża fil-5 ta' Ġunju 2003).*
>
> *Illi għalhekk il-Qorti trid tara jekk prima facie jeżistux raġunijet, dejjem skond is-sub-artikoli msemmija mir-rikorrenti, biex il-mandat jiġi revokat, parzjalment jew **in toto**"*

Illi fid-dawl tal-dan il-bran appena ċitat, kif ukoll abbażi tal-elementi stabbiliti mill-Artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-funzjoni tal-Bord f'dawn il-proċeduri hija sempliċiment li jistħarreġ fuq bażi *prima facie* jekk ir-raġunijiet, jew kawżali, mogħtija mir-rikorrenti sekwestrati, jeżistux fil-proċeduri odjerni.

Illi l-ewwel kawżali mogħtija mir-rikorrenti sekwestrati hija dik arġinata fuq l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jistipola:-

> *"**836.** (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*
>
> *... omissis...*

[2] **J.V. & S. Developments Limited vs Scala Developments Limited**, Qorti Ċivili, Prim' Awla, 9 ta' Jannar 2012 (Rik Nru 1147/2007). Ara wkoll f'dan is-sens **Associated Supplies Ltd vs Joseph Mizzi**, Qorti Ċivili, Prim' Awla, 6 ta' Jannar 2013 (Rik Nru 1006/2012).

> *(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;"*

Illi dan is-subinċiż jeħtieġ li jiġi pprovat, fuq livell ta' *prima facie,* li l-ammont mitlub (i) m'huwiex ġustifikat jew (ii) li huwa eċċessiv. F'dan ir-rigward, il-Bord jirreferi għal dak li intqal mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla fis-sentenza **Therese Mangion Galea vs Desmond Stanley Stewart**[3]**:**

> *"Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"fumus juris" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti* [Ara P.A. RCP *29.11.2001* fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***]
>
> ....omissis...
>
> *Illi biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv, jeħtieġ li jintwera li dan ikun eżaġerat fid-dawl tat-talba li ssir* [Ara P.A. GV *6.12.1999* fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Salvino Farruġia noe vs Exalco Holdings***] *jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'għajn bħala wieħed magħmul b'mod ażżardat.*"

Illi dwar l-ewwel element, ċioè jekk mad-daqqa t'għajn is-soċjetà sekwestranta għandhiex bażi ta' pretensjoni għall-ammont minnha mitlub, il-Bord ser jagħmel referenza għall-kawżali dedotta mis-soċjetà sekwestranta fir-rikors għall-ħruġ tal-preżenti mandat, ċioè "*Danni sofferti mis-sekwestranti wara li l-intmati sekwestrati qatgħu il-provista tad-dawl u ilma minnhom lokat 54, 55, 56 Old Theatre Street, Valletta ġestit mis-sekwestranti bħala lukanda u żewġ restaurants, ai termini ta' skritturi ta' lokazzjoni tat-30 ta' Mejju 2016; 22 ta' Awwissu 2016 u 21 ta' Awwissu 2017, u konsegwenza ta dan is-sekwestranti kellha twaqqaf l-operat tal-imsemmija stabbilimenti kif ukoll tirrialloka t-turisti li*

[3] **Therese Mangion Galea vs Stewart Desmond Stanley**, Qorti Ċivili, Prim' Awla, 29 ta' Lulju 2005 (Rik Nru 336/2005).

*kien hemm fil-lukanda f'post ieħor bil-Belt Valletta, oltre li kellha tikkanċella numru ta' bookings."*

Illi minn qari tal-kawżali sopra indikata, il-Bord iqis li s-soċjetà sekwestranta għandha bażi ta pretensjoni u li tali azzjoni għal riżarċiment ta' danni allegatament subiti hija permessa mil-liġi nostrana. B'hekk, iqis li l-ewwel element tal-Artikolu 863(1)(d) huwa b'dan sodisfatt.

Illi imiss issa, eżami dwar jekk jissussistix it-tieni element meħtieġ, ċioè jekk is-soċjetà sekwestrata waslitx biex tillikwida l-pretensjoni tagħha f'somma li taqbel mal-ammont maħluf minnha. Illi l-Bord jinnota li fl-atti tar-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta sekwestru, is-sorte indikat huwa ta' tlett miljuni, disgħa u ħamsin elf, mitejn u disa' Ewro (€3,059,209). Ir-rikors huwa sajjem minn kwalunkwe tip ta' spjega ta' kif soċjetà sekwestranta waslet għal dan l-ammont. Illi l-ammont hawn sekwestrat huwa wieħed konsiderevoli u ma jistax jittieħed b'leġġerezza mis-soċjetà sekwestrata. Huwa prinċipju bażilari li mandat kawtelatorju, in vista tan-natura preliminari tiegħu, jinħareġ fuq ir-responsabiltà ta' min jitolbu. Tant hu hekk, li jekk mandat jinħareġ b'malizzja, frivolożament jew sabiex jivvessa lis-sekwestrat, ir-rikorrenti jkun passabbli għad-danni skont il-liġi. Illi in vista ta dan, il-Bord huwa ferm sorpriż kif is-soċjetà sekwestranta ma tat ebda ħjiel ta kif ikkalkolat dan l-ammont sekwestrat.

Illi fid-dawl ta' din iċ-ċirkostanza, il-Bord jeħtieġ li jeżamina fuq bażi *prima facie* l-att promotur ppreżentat mis-soċjetà sekwestranta rigwardanti l-mertu tal-vertenza, u ċioe r-rikors nru 482/2021. Illi dak l-imsemmi rikors ma ġie ppreżentat minn ebda parti f'dawn il-proċeduri. F'dan ir-rigward il-Bord jagħmel referenza għal dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Nancy Cutajar noe vs Charles Ciappara et**[4], u ċioè:

> *"...trattandosi ta' atti ta' dawn il-Qrati, mhux daqshekk essenzjali li jiġu eżibiti kopji ta' atti uffiċjali, għax kull Qorti tista' tqis u tikkunsidra l-atti tal-Qrati b'kompetenza ċivili mingħajr ħtieġa li kopja ta' dawn l-atti jiġu formalment eżbiti."*

Illi minn eżami tar-rikors promotur nru 482/2021 u b'sorpiża ulterjuri għal dan il-Bord, jirriżulta li s-soċjetà sekwestranta la fil-premessi u lanqas fit-talbiet tagħha ma tagħmel referenza għal dan l-ammont sekwestrat, jew imqar tindikaħ. Filfatt, it-talbiet tas-soċjetà sekwestrata f'dawk il-proċeduri huma diretti lejn il-pagament ta' somma li għad trid tiġi likwidata mill-Bord bħala allegati danni sofferti u dan mingħajr ma tagħti ebda forma ta' indikazzjoni ta' x'qed tippretendi s-soċjetà Portem Tourism Ventures Ltd bħala allegati danni subiti.

[4] **Nancy Cutajar noe vs Charles Ciappara**, Qorti tal-Appell, 3 ta' Ottubru 2008 (Appell Ċivili Nru 1280/2002/1).

Illi fil-fehma tal-Bord, in-nuqqas tas-soċjetà sekwestranta li mqar tagħmel referenza għall-preżenti somma f'dawk il-proċeduri huwa nuqqas serju meta kienet hi stess li talbet is-sekwestru ta somma daqstant konsiderevoli.

Illi b'hekk il-Bord ma jqisx li s-soċjetà sekwestranta kienet ġustifikata f'li tissekwestra dan il-preżenti ammont meta hi stess naqset, fir-rikors promotur nru 482/2021, milli tindikaħ bħala pretensjoni tad-danni minnha reklamati.

Illi b'hekk, dan il-Bord hu tal-fehma li l-ammont mitlub mis-soċjetà sekwestranta mhuwiex *prima facie* ġustifikat u għaldaqstant jissussistu l-elementi rikjesti ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dan il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti sekwestrati għall-ħruġ tal-kontro-mandat relattiv.

Illi stabbilit dan, u in vista tal-fatt li s-subinċiżi tal-Artikolu 836(1) huma alternattivi u mhux kumulattivi, il-Bord ma jarax l-utilità li jeżamina l-kawżali l-oħra mressqa mis-sekwestrati fir-rikors tagħhom.

Illi fir-rikors tagħhom, is-sekwestrati talbu wkoll l-applikazzjoni tal-Artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tas-soċjetà sekwestranta. Illi kif ġie ritenut mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla fis-sentenza **Av. Adrian Attard noe vs Central Marine Limited**[5]**:**

> *"Il-liġi, fl-artikolu 836(8) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, issemmi erba' ċirkostanzi biss li minħabba fihom wieħed jista' jeħel penali għal ħruġ ħażin ta' mandat. Skont il-ġurisprudenza dawn l-erba' raġunijiet huma tassattivi u għandhom jingħataw tifsira dejqa (ara* ***Dr. Cedric Mifsud nomine v. Bitconvert Limited*** *deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru, 2020,* ***Rosie Lehner v. Ian Pace*** *deċiż mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-11 ta' Awwissu, 2009 u* ***Cole Foods Ltd v. Euro Imports Ltd*** *mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Marzu, 2003);"*

Illi kif ġie ritenut mill-Qrati tagħna, l-impożizzjoni tal-penali fuq min ikun ħareġ il-mandat kawtelatorju hija sanzjoni fakoltattiva fuq il-Bord[6]. Sabiex tali talba tirnexxi, irid jintwera, a sodisfazzjon tal-Bord, li tkun avverat ruħa xi waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta'Malta.

---

[5] **Av. Adrian Attard noe vs Central Marine Limited**, Qorti Ċivili, Prim' Awla, 13 ta' Settembru 2021 (Rik Nru 808/2021).

[6] Ara **C&F Building Contractors Limited vs Emanuel Farrugia,** Qorti Ċivili, Prim' Awla, 25 ta' Awwissu 2014, (Rik. Nru 545/2014), **Cole Foods Limited vs Euro Imports Limited**, Qorti Ċivili, Prim' Awla, 13 ta' Marzu 2003, (Rik. Nru 463/2002), **Office Group Limited v. L-Awtorità tal-Ippjanar et**, Qorti Ċivili, Prim' Awla, 6 ta' April, 2017 (Rik Nru 205/2017) u **Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited et v. Market Handle Limited et** Qorti Ċivili, Prim' Awla, 30 ta' Diċembru, 2011 (Rik. Nru 1066/2011) fost l-oħrajn.

Illi fir-rikors tagħhom, is-sekwestrati rabtu din it-talba mas-subinċiż (d) tal-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ċioè fejn it-talba għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju "*tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja*". Illi l-Bord iqis li f'dawn il-proċeduri s-sekwestrati ma ressqu ebda prova in sostenn tal-allegazzjoni li l-mandat odjern sar b'malizzja jew li kien frivolu jew vessatorju. Illi jispetta lis-sekwestrati jipprova, imqar sal-grad tal-*prima facie*, li fl-azzjoni tagħha, is-soċjetà sekwestrata mxiet b'malizzja, frivoliżità jew sabiex tivvesshom, u dan skont il-prinċipju, *ei incumbit probatio qui dicit, non qui nnegat*. Illi minkejja li l-abbli difensur tas-sekwestrati ġustament argumentat li ż-żmien li fih sar dan is-sekwestru jindika li dan kien orkestrat sabiex jagħmel l-akbar ammont ta' ħsara possibbli, dan il-Bord ma jarax li din hija raġuni li tissodisfa suffiċjentement l-elementi meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi għalhekk, it-talba għall-applikazzjoni tal-penali fil-konfront tas-soċjetà sekwestrata qed tiġi miċħuda.

Illi finalment, is-sekwestrati talbu wkoll lil dan il-Bord japplika garanzija fil-konfront tas-soċjetà sekwestranta għall-ħlas ta' penali, ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi kif ġie ritenut mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla fis-sentenza **Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Limited**[7] l-applikazzjoni ta dan l-artikolu jinneċessita l-eżistenza tal-att kawtelatorju. Illi di piu, ġie ritenut mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla fis-sentenza **Mangion Galea vs Stanley**, riportata hawn fuq illi:-

> "*r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ"*

Illi applikat dan il-prinċipju għall-każ in eżami, u in vista tal-fatt li dan il-Bord iqis li hemm raġunijiet biżżejjed sabiex jordna r-revoka tal-preżenti mandat, il-Bord ma jarax li hemm il-possbilità għall-applikazzjoni ta dan l-Artikolu.

**Decide**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, il-Bord jiddisponi minn dan ir-rikors billi:

[7]**Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Limited**, Qorti Ċivili, Prim' Awla, 30 ta Mejju 2002 (Rik Nru 812/2000).

1. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba stante li dawn qegħdin bil-preżenti jiġu deċiżi;

2. Jilqa' t-tieni talba u **jordna r-revoka** tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1119/2021 fl-ismijiet *Portem Tourism Ventures Ltd vs Edward sive Teddy Calleja u Avukat Dottor Leontine Calleja* stante li dan m'huwiex *prima facie* ġustifikat ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Jastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba, stante li t-tieni talba ġiet milqugħa;

4. Jiċħad ir-raba' talba għall-impożizzjoni tal-penali

5. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni tal-ħames talba, stante li l-att kawtelatorju b'dan id-Digriet m'għadux fis-seħħ.

Tordna li l-ispejjeż tal-preżenti kif ukoll tal-proċeduri meħuda ai termini tal-Artikolu 187(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ikunu a karigu tas-soċjetà sekwestranta Portem Tourism Ventures Ltd.

**Dr. Leonard Caruana**
Maġistrat

**Maria Grech Cardona**
Deputat Reġistratur